MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Appell Civili Numru. 1322/2002/1

**Anna Micallef f'isimha proprja u bhala legittima rappresentanti ta' uliedha minuri Paul Micallef, Maria Micallef u Cherisse Micallef u dana lkoll fil-kwalita` taghhom ta' eredi tal-mejjet Pacifico Micallef**

**v.**

**Allchem Limited, Saviour Persico, Vincent Pace**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mill-attrici fit-22 ta' Novembru 2002 li taqra hekk:

"Premess illi l-atturi huma l-eredi tal-mejjet Pacifico Micallef, li kien impjegat mal-konvenuti jew min minnhom;

"U premess illi Pacifico Micallef nhar it-23 ta' Novembru, 2001, waqt il-qadi ta' l-impjieg tiegħu u fil-kors tax-xogħol tiegħu mas-soċjeta` konvenuta Allchem Limited, huwa weġġħa u ssubixxa ferita gravi, liema feriti kaġunaw l-mewt ta' Pacifico Micallef;
"U premess illi fl-inċident li seħħ fit-23 ta' Novembru, 2001, il-konvenuti Saviour Persico u Vincent Pace jew min minnhom kienu qegħdin jadoperaw u jħaddmu l-makkinarju proprjeta` ta' Allchem Limited, liema makkinarju mbagħad ikkaġuna l-inċident fuq premess;

"U premess illi l-imsemmi inċident seħħ unikament tort tal-konvenuti jew min minnhom u dana minħabba negliġenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti ta' l-istess konvenuti jew min minnhom;

"U premess illi għalkemm il-konvenuti ġew debitament interpellati mill-atturi sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u eventwali ħlas ta' danni, il-konvenuti baqgħu inadempjenti;

"Jgħidu għalhekk il-konvenuti jew min minnhom għalfejn m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

"1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom bħala unikament responsabbli għall-inċident li seħħ nhar it-23 ta' Novembru, 2001 fejn miet Pacifico Micallef u dana minħabba negliġenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti ta' l-istess konvenuti jew min minnhom.

"2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur anke bil-ħatra ta' periti nominandi.

"3. Tikkundanna lill-konventi jew min minnhom iħallsu s-somma hekk likwidata lill-attur.

"Bl-ispejjeż, bl-imgħax u l-konvenuti minn issa in subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Saviour Persico (fol 18) li in forza taghha ecepixxa illi:

"1. Illi fl-ewwel lok l-eċċipjenti m'għandux ebda forma ta' responsabbilita` ta' l-inċident imsemmi u għalhekk m'għandux iħallas tad-danni li jistgħu jirriżultaw li l-atturi ġarrbu.

"2. B'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Vincent Pace (fol. 20) li in forza taghha ecepixxa illi:

"1. Illi l-inċident mertu ta' din il-kawża ma seħħx minħabba negliġenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut Vincent Pace u dan kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża iżda għall-raġunijiet imputabbli lill-konvenuti l-oħra jew min minnhom.

"Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Allchem Limited (fol. 28) li in forza taghha ecepiet illi:

"1. Illi t-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra l-kumpanija eċċipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-kumpanija konvenuta m'għandhiex tort għall-inċident in kwistjoni u m'hijiex responsabbli għall-istess inċident u l-konsegwenzjali danni kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

"2. Salvi eċċezzjonijiet oħra."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 2007 li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:

"......tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara l-konvenuti Pace u Persico responsabbli kwantu ghal kwart kull wiehed u s-socjeta` konvenuta

Allchem Limited kwantu ghal nofs ghall-mewt ta’ Pacifico Micallef; tikkundanna ghalhekk lill-konvenuti Pace u Persico jhallsu kull wiehed lill-attrici proprio et nomine s-somma ta’ tnax-il elf, hames mija u erbatax-il Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm12,514.50) u s-socjeta` Allchem Limited thallas is-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf u disgha u ghoxrin Lira Maltin (Lm25,029) lill-istess attrici proprio et nomine. L-ispejjez jithallsu wkoll kwantu ghal nofs mis-socjeta` konvenuta u kwart kull wiehed mill-konvenuti Pace u Persico.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi l-attrici f’isimha u f’isem uliedha minuri qed titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu d-danni wara l-mewt ta’ zewgha li sehhet fuq il-post tax-xoghol fil-jum indikat fic-citazzjoni meta kien qed jahdem mas-socjeta` Allchem Limited.
“Ma hemmx kontestazzjoni li l-mejjet kien impjegat mas-socjeta` konvenuta meta gara l-incident li fih wegga’. L-incident gara meta huwa kien qed jopera makkinarju ossija *fork lifter*. Il-konvenuti Pace u Persico ammettew fil-kors ta’ l-inkjesta Magisterjali li l-incident gara meta l-mejjet kien fuq il-*fork lifter* biex inehhi xi gebel li seta’ kien ta’ periklu minn mas-saqaf tal-fabbrika u huma bdew jiccajtaw mieghu b’rizultat li allura Micallef waqa’ u tilef hajtu billi habat rasu ma’ l-art.

“Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar kif gara l-incident ghaliex l-unici persuni li effettivament rawh kienu appuntu Pace u Persico. Id-direttur tas-socjeta` konvenuta Joseph Micallef ma kienx fuq il-post ta’ l-incident, ghalkemm kien fil-fabbrika. Il-mejjet kien l-iktar haddiem anzjan fuq il-post u allura kien hu li jirreferi direttament mieghu. F’dik il-parti tal-fabbrika kienu jahdmu appuntu tlieta min-nies biss.

“Ghandu jinghad mill-ewwel li ma rrizulta b’ebda mod li l-*fork lifter* kellu xi problemi funzjonanti, anzi skond id-deposizzjoni ta’ Joseph Zammit, li kien gie inkarigat mill-Magistrat inkwerenti biex jezaminah, ikkonkluda li kien f’kondizzjoni perfetta. L-imsemmi Joseph Micallef qal li

kien ilu ghandhom biss xi tliet xhur u l-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ma ghandhiex temmnu ghaliex dak li qal hu konfermat mix-xhud Joseph Zammit.

"Ix-xhud Cachia, ufficjal tas-Sigurta` fuq il-post tax-xoghol kien ghamel spezzjoni xi xhur qabel fuq il-post fejn gara l-incident u indika lis-socjeta` konvenuta li min jopera dawn it-tip ta' makkinarju ghandu jkun imharreg sew. Huwa stess qal pero` li f'Malta ma hawnx fejn dawn in-nies jigu mharrga kif jigri f'pajjizi ohra. Dan il-fatt pero` ma ghandu jkun qatt ta' difiza ghall-*employer* jekk l-incident jigri minhabba nuqqas ta' kapacita` ta' min jopera l-makkinarju ghaliex la darba wiehed ikun lest jiehu sogru u jhaddem in-nies biex joperaw tali makkinarju ghandu wkoll ibati l-konsegwenzi.

"F'dan il-kaz pero` ma jidhirx illi l-incident gara minhabba f'hekk izda ghal zewg ragunijiet; il-*fork lifter* mhux suppost li jintuza biex jalza n-nies izda l-oggetti u l-haddiema kollegi tal-mejjet iccajtaw ma sehibhom f'mument certament mhux propizju. F'dan l-aspett pero` l-*employer* ukoll ghandu certa responsabbilita` ghaliex ghandu l-oneru li jara li ma jsirx cajt ta' dan it-tip u anke li ma jitilghux haddiema fuq il-*fork lifter*. Ghalkemm jidher li kemm ic-cajt u kemm in-nies fuq il-*fork lifer* kienu jigru spiss, id-direttur tas-socjeta` jidher li ma kien jaf b'xejn minn dan. A fol. 120 tal-process qal car u tond li ma kienx jaf li l-haddiema kienu jitilghu fuq il-*fork lifter* u certament li wiehed jista' jassumi li ma kienx jaf li l-haddiema tieghu jiccajtaw fuq il-post tax-xoghol mhux biss minhabba l-periklu li dan igib izda anke ghaliex huwa zgur ma jaghtihomx il-paga biex jahlu parti mill-hin tax-xoghol jiccajtaw.

"Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet <u>D'Anastasi vs Enemalta Corporation</u> deciza fit-28 ta' Gunju, 2005 qalet;

*""Illum it-tendenza ricenti tal-Qrati taghna, issa msahha ukoll minn legislazzjoni iktar moderna u konsonanti maz-zminijiet hija li hemm kwazi presunzjoni illi incident industrijali jigri ghax ma kienx hemm a safe system of work.*

*“Huwa facli ghal dak li jipprovdi x-xoghol illi jwahhal fl-impjegat ghax uza ghodda mhux koperti minn apparat ta’ sigura izda fuq kollox l-impjegat ikun qed jahdem ghall-ahjar ta’ min jaghtih ix-xoghol u minflok ma jgerger u jilmenta mill-ghodda ikun medd idejh ghax-xoghol. Ma hux sew fil-fehma tal-Qorti li wiehed jattribwixxi xi tort lill-*attur *u nghidulu li kien ahjar li hasel idejh.”*

“Kif irriteniet ukoll din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Schembri vs Caruana nomine deciza fit-12 ta’ Jannar, 1983, *employer illi jkun jaf li fil-makkinarju tieghu hemm perikolu u ma jiehu ebda passi biex jirrimedja ghal dan jesponi ruhu ghall-konsegwenzi legali li johorgu minn dan l-employer (ghandu jahseb) illi jippjana sew ix-xoghol u jikkunsidra l-fatt li l-istess haddiema gieli jittraskuraw ir-riskji involuti fix-xoghol taghhom ta’ kull jum.*

“Kif ukoll qalet l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet Kevin Mallia vs Alf Mizzi and Sons Limited deciza fid-9 ta’ Ottubru, 2003 *min ihaddem ghandu d-dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta’ periklu u riskju ghas-sahha ta’ l-istess haddiem (ara Bugeja vs Falzon deciza minn din il-Qorti fit-30 ta’ April, 1997 u Desira vs Grech and Co. Ltd deciza fit-30 ta’ Mejju, 2002).*

“Sentenzi ohra ta’ l-istess opinjoni huma Galea vs Balzan - Qorti ta’ l-Appell - 26 ta’ Frar, 1993 u Agius vs Galea – Qorti ta’ l-Kummerc - 11 ta’ Lulju, 1989. Sentenza ricenti Grezzju Scicluna vs C. Cini and Sons Ltd - 27 ta’Gunju, 2006 – Cit. 348/02 TM) iccitat l-awtur Whincup fil-ktieb Modern Employment Law li jelenka erba’ principji bazici f’kazi simili u cioe’;

*“i. the employer must ensure that the employee knows the dangers,*

*“ii. the employer must ensure that the emplyee konws the precautions to be taken against these dangers,*

*“iii. the employer must ensure that the precautions are available,*

*“iv. the employer must ensure that the employee knows these precautions are available.*

“Huwa minnu illi f’dan il-kaz il-makkinarju uzat kien f’kondizzjoni perfetta izda l-mod kif kien qed jintuza gab il-periklu u s-socjeta’ konvenuta kellha l-obbligu tara li dan ma jigrix. Kif sew irrimarkat il-Qorti fil-kawza Schembri vs Caruana min ihaddem irid izomm quddiem ghajnejh illi gieli l-haddiem jittraskura xi ftit dwar il-perikli li jkollu u ghalhekk ghandu jkun hemm sistema biex dawn l-izbalji ma jsirux. Fil-kaz in esami, ic-cajt li kien qed isir kien qed irendi s-sistema perikoluza u sfortunatament gara incident fatali.

“Fl-istess hin pero` il-Qorti tara li l-konvenuti l-ohra kellhom sehem qawwi fl-incident u kien messhom jafu ahjar li persuna imdendla f’gholi ta’ zewg sulari tista’ taqa’ u twegga’ sew. Anke t-tfal jafu dan, eppure l-konvenuti bdew imexxu lill-Micallef bic-cajt u jgholluh u jnizzluh b’mod li sehh l-incident. Ghalhekk il-Qorti ssib li l-konvenuti msemmija responsabbli ghall-kwart parti kull wiehed ghall-incident u s-socjeta` konvenuta responsabbli ghan-nofs l-iehor.

“Fir-rigward tad-danni huwa car li dawn huma unikament *lucrum cessans* billi si tratta ta’ mewt. Il-mejjet kellu wiehed u erbghin (41) sena meta gara l-incident u allura l-Qorti se tahdem is-somma dovuta lill-eredi fuq perjodu ta’ hmistax (15) il-sena ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza deciza minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Fenech vs Kunsill Lokali Zebbug fil-21 ta’ Ottubru 2004 ossija l-incertezza tal-futur. Is-salarju tal-mejjet kien erbat elef, sitt mija u hamsa u tletin Lira Maltin (Lm4,635) fis-sena u ghalhekk erbat elef, sitt mija u hamsa u tletin Lira Maltin (Lm4,635) ghal hmistax (15) il-sena jammontaw ghal disgha u sittin elf, hames mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm69,525) li minnhom il-Qorti se tnaqqas ghaxra fil-mija (10%) minhabba l-hlas f’daqqa minflok is-soltu ghoxrin fil-mija (20%) stante t-trapass taz-zmien minn meta sehh l-incident, u mbaghad ghoxrin fil-mija (20%) ghall-konsum tad-decujus u dan iwassal ghas-somma ta’

hamsin elf u tmienja u hamsin Lira Maltin (Lm50,058) li ghalhekk jigu spartiti billi s-socjeta` konvenuta thallas nofs u cioe` hamsa u ghoxrin elf u disa' u ghoxrin Lira Maltin (Lm25,029) u l-konvenuti l-ohra tnax-il elf, hames mija u erbatax-il Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm12,514, 50)."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Saviour Persico, minnu pprezentat fit-3 ta' Lulju 2007, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

"......tvarja u tbiddel is-sentenza moghtija fit-tlettax (13) ta' Gunju 2007, mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, billi tillibera lill-appellant Saviour Persico minn kull responsabbilta` ghad-danni kkagunati lill-Pacifico Micallef, issib lill-mejjet Pacifico Micallef responsabbli ghall-incident, konsegwenza ta' liema huwa tilef hajtu; tvarja r-responsabbilta` attribwita lill-konvenut Vincent Pace, billi kienu proprju l-atti tieghu illi wasslu ghall-incident fatali; u tvarja r-responsabbilta` tas-socjeta` Allchem, peress illi huma naqqsu mill-obbligi taghhom bhala *employers*, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellati."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Vincent Pace, ukoll ipprezentat fit-3 ta' Lulju 2007 li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha;

"......tirrevoka s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili datata 13 ta' Gunju 2007 fl-ismijiet fuq premessi, u dan billi tichad it-talbiet attrici, prevja l-akkoljiment ta' l-eccezzjonijiet, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici *pro et nomine* appellata."

Rat ir-risposta li l-atturi tal-25 ta' Lulju 2007 li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li jigi dikjarat li;

"......is-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma minn din l-Onorabbli Qorti u l-aggravji ta' l-appellanti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez."

Rat ukoll ir-risposta tal-appell u l-appell incidentali tas-socjeta` konvenuta Allchem Ltd (a fol. 29 tal-atti tal-appell) li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet:

(i) fir-rigward tal-appell ta’ Saviour Persico, illi:

“.......it-tieni aggravju ta’ l-appellant ghandu jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellant. Fl-istess waqt il-kumpanija esponenti qieghda tirrimetti ruhha ghad-decizjoni abbli ta’ din il-Qorti ghar-rigward ta’ l-ewwel u t-tielet aggravju ta’ l-appellant, b’dan illi m’ghandha thallas l-ebda spejjez ghar-rigward taghhom.”

(ii) illi din il-Qorti joghgobha:

“......tirriforma s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta’ Gunju 2007 billi tilqa’ l-eccezzjoni tal-kumpanija esponenti u tiddikjara li l-kumpanija esponenti m’hijiex responsabbli ghall-incident u konsegwentement m’ghandha thallas ebda danni u lanqas spejjez.”

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` konvenuta Allchem Ltd fir-rigward tal-appell ta’ Vincent Pace (fol. 41) li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, iddikjarat illi hi:

“......tirrimetti ruhha ghad-decizjoni abbli ta’ dina l-Qorti ghar-rigward ta’ l-aggravji ta’ l-appellant, b’dan illi hi m’ghandha tbati l-ebda responsabbilta` ghall-incident in kwistjoni, kif sottomess fl-appell incidentali taghha u m’ghandha thallas l-ebda spejjez.”

Rat illi, b’digriet moghti minn din il-Qorti fit-23 ta’ Gunju 2009, l-appellipprezentat minn Vincent Pace gie dikjarat dezert b’mod li allura, din il-Qorti ma tistax tiehu aktar konjizzjoni tieghu. Il-Qorti tirrileva li ghalhekk, filwaqt li din il-Qorti ma tistax tehilsu mir-responsabbilta` ghall-incident meritu ta’ din il-kawza, u lanqas tnaqqas il-grad ta’ responsabbilta` tieghu kif determinata mill-ewwel Qorti, hija tista’ taggrava l-posizzjoni tieghu u zzid il-grad ta’ responsabbilta`, jekk hekk jidhrilha opportun, peress li Persico ressaq l-aggravji anke fil-konfront tal-imsemmi

Vincent Pace, fis-sens li qed jitlob li l-grad ta' responsabbilta` tieghu tonqos u tizdied dik tal-partijiet l-ohra, inkluza ta' Vincent Pace;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-23 ta' Gunju 2009 u 7 ta' Lulju 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Din hija kawza konsegwenza ta' incident fuq il-post tax-xoghol li sehh f'Novembru tal-2001, u bhala rizultat tilef hajtu Pacifico Micallef li tieghu l-atturi huma l-armla u wliedu. Il-konvenuti Saviour Persico u Vincent Pace, flimkien mal-imsemmi Pacifico Micallef, kienu mpjegati tas-socjeta` konvenuta Allchem Ltd. Il-mejjet Pacifico Micallef kien l-aktar wiehed b'esperjenza fil-fabbrika u kien ilu jahdem hemm minn meta fethet il-fabbrika xi 16-il sena qabel. Hu ma kellux id-desinjazzjoni formali ta' *foreman*, pero`, kien jiehu hsieb imexxi s-sular tal-fabbrika fejn sehh l-incident *on a day to day basis*. Mill-impjegati l-ohra, Pace kien ilu jahdem fil-fabbrika gimgha biss waqt li Persico kellu wkoll esperjenza jahdem fil-fabbrika (kien ilu jahdem hemm sitt snin qabel l-incident). L-incident sehh meta Micallef gie mitlub jirranga xi haga fis-saqaf tas-sular fejn jahdmu, u biex ilahhaq mas-saqaf qabbad lil Persico jsuq u jopera *fork-lifter* u jghollieh fuq il-frieket tal-*fork-lifter* sabiex jilhaq is-saqaf. F'hin minnhom, Pace ressaq vicin il-*fork-lifter* u biex jiccajta ma' Micallef beda "jilghab" bil-*leavers*; dan tal-ahhar eventwalment waqa' minn fuq il-*fork-lifter* u tilef hajtu.

L-ewwel Qorti sabet li responsabbli ghall-incident kienu l-kumpanija konvenuta, u l-konvenuti Persico u Pace, fi grad ta' nofs il-kumpanija, u kwart kull wiehed il-konvenuti l-ohra.

Il-konvenuti kkundannati (hlief Vincent Pace li kellu l-appell tieghu dikjarat dezert) qed jitolbu revizjoni tad-decizjoni tal-ewwel Qorti biex titnaqqas ir-responsabbilta` taghhom jew adirittura titnehha ghall-kollox u sabiex f'kull

kaz, tigi attribwita certa responsabbilta` lill-istess vittma tal-incident, il-mejjet Pacifico Micallef.

Din il-Qorti tara li, fil-kuntest ta' kif sehhew l-affarijiet, ghandha taddebita parti mill-htija lid-*decujus* innifsu. Dan kien de facto *supervisor* fuq il-lant tax-xoghol, kien l-impjegat l-aktar anzjan, u kellu japprezza li ma kellux isir cajt bil-*fork-lifter*. Hu ma jidhirx li waqqaf lill-haddiema milli jkomplu 'jiccajtaw' mieghu u kien jaghlaq ghajnejh minkejja li kien jaf bil-perikolu li kien isehh bhala rizultat tac-cajt. Apparti dan, u aktar gravi, wera nuqqas ta' responsabbilta` kbira meta uza l-*fork-lifter* ghall-skop li ma kienx intenzjonat. Hu kien jaf jew kellu jkun jaf li huwa projbit li persuna jew persuni jittellghu u jitnizzlu fuq il-frieket tal-*fork-lifter* minghajr apparat ta' *safety*. Fil-fatt, fuq il-gnub tar-*railing* tal-istess furketta jinsabu sinjali ta' twissija biex il-*fork-lifter* ma jintuzax biex persuni jittellghu u jitnizzlu fuq il-frieket. Dan Micallef kien impjegat li, fi kliem direttur tal-kumpanija konvenuta, "kien responsabbli mill-andament kollu tax-xoghol fl-*area* li kien responsabbli minnha". Jirrizulta li l-haddiema li kienu jahdmu mal-mejjet kienu ilhom jiccajtaw b'dan il-mod bejniethom sa minn hafna qabel l-incident, u minn persuna ta' dik ir-responsabbilta` (anke jekk mhux b'mod formali, izda *de facto* b'arrangament intern) kien mistenni li juri aktar attenzjoni u kura fl-esekuzzjoni ta' dmirijietu (ara **Sciberras v. Borg Cardona**, deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Gunju 1998).

Dwar ir-responsabbilta` tal-impjegati l-ohra Persico u Pace, din il-Qorti taqbel li dawn ukoll jahtu ghall-akkadut. Ta' l-ewwel kellu certa esperjenza fil-fabbrika u ghalkemm kien mistenni li jsegwi l-ordnijiet li jinghatawlu, ma kellux jaghmel dan bl-amment; hu kien jaf li mhux suppost ittella' nies fuq il-*fork-lifter*, u stqarr li kien ra s-sinjali li kienu jipprojbixxu t-tluh u l-inzul ta' nies fuq il-*fork-lifter*. Inoltre, meta Pace beda jilghab bil-*leavers* tal-*fork-lifter*, ma ppruvax iwaqqfu, imqarr billi jwissieh li ma kienx mument li jsir cajt. Min-naha l-ohra, Pace ghalkemm gdid fil-fabbrika, wera ksuhat u negligenza kbira meta indahal u ta bidu ghac-cajta li waslet ghall-mewt ta' Pacifico Micallef. Kien hu li, bil-wieqfa hdejn il-magna, beda

jilghab bil-*leavers* tal-*fork-lifter*. Forsi, bhala bniedem li, fi kliemu "ilu gimgha hawnhekk", ried juri li hu jaf jiccajta daqs shabu l-ohra, pero`, ra lill-Pacifico Micallef fuq il-*fork-lifter*, fil-gholi, u xorta tella' f'daqqa l-*leaver* tal-*fork-lifter.* Kwindi, huma wkoll ma jistghux jigu ezenti mir-responsabbilta`.

Dwar ir-responsabbilta` tal-kumpanija, din il-Qorti tara li din ma tistax tehles mir-responsabbilta`. Veru jirrizulta li l-*fork-lifter* in kwistjoni kien mizmum f'kundizzjoni sewwa hafna mil-lat mekkaniku, u ma gie riskontrat ebda difett fuq is-sistema *hydrolic*, fis-sens li s-sistema kienet tinsab tahdem sewwa billi din ma tahsadx ix-xoghol. Jibqa' l-fatt, pero`, li l-kumpanija naqset billi ma jirrizultax li hadet passi biex twaqqaf cajt perikoluz bejn il-haddiema taghha, u lanqas ma provdiet tahrig adegwat ghall-istess haddiema. Kif intqal mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Barun v. Polidano Brothers Ltd et**, deciza fis-27 ta' April 2007;

"......huwa l-obbligu ta' min haddem...li jipprovdi *safety equipment* u jara li jintuzaw, u li jkun *alert* ghal *dangerous practices* tal-haddiema tieghu, u jassigura li dawn ma jitkomplewx."

Id-direttur tal-kumpanija konvenuta jghid li huwa kien ihalli l-kontroll f'idejn il-mejjet Pacifico Micallef, pero`, kien jaf, jew messu kien jaf, li dan ma kienx qed jaqdi dmiru f'dan ir-rispett, u kellu jiehu passi biex jassigura li dan ic-cajt perikoluz jieqaf ghal kollox.

Ghar-rigward it-tahrig tal-haddiema, il-problema f'dan il-kaz mhux marbuta l-aktar mal-fatt li l-haddiema ma nghatawx tahrig specifiku ta' kif isuqu u jimmanuvraw *fork-lifter*, izda mal-fatt li ma nghatax tahrig dwar l-iskop tal-*fork-lifter* u l-perikoli marbuta mieghu. Hu veru li jista' jinghad li meta haddiem hu "istruwit u imwissi", min ihaddem ikollu difiza tajba f'kaz ta' incident fuq il-post tax-xoghol li fih iwegga' l-haddiem; pero` f'dan il-kaz, ghalkemm il-haddiema gew 'imwissija' biex ma juzawx il-*fork-lifter* biex itellghu u jnizzlu persuni bih, ma gewx 'istruwiti' fil-gravita` tal-perikolu f'kaz li dan isehh. Lill-haddiem ma tridx tghidlu biss biex ma jaghmilx xi haga,

izda trid turieh il-perikolu u tavzah bil-konsegwenzi, biex japprezza l-gravita` ta’ dik it-twissija.

Fil-ktieb **Health and Safety Law: A Modern Guide** ta’ Jeffrey Zindani (2002 Ed. Pagna 3) intqal hekk dwar din il-materja:

“*Instead of imposing strict duties upon employers to ensure that accidents and diseases are reduced to the bare minimum, the UK courts have adopted a more relaxed approach preferring concepts based around “common sense” and “realism”. This “common sense” approach, which is reflected in numerous judgments, fails to take into account the economic and industrial reality of the workplace, where workers invariably have little control over the decisions concerning the work they are undertaking and may not know what is safe and what is unsafe. The House of Lords grasped this point almost 50 years ago.*

*““It is, I think, well known to employers ... that their workpeople are very frequently, if not habitually, careless about the risks which their work may involve... Employers are not exempted from this duty by the fact that their men are experienced and might, if they were in a position of an employer, be able to lay down a reasonably safe system of work themselves. Workmen are not in the position of employers. Their duties are not performed in the calm atmosphere of a board room with the advice of experts. They have to make their decisions on narrow sills and other places of danger and in circumstances where the dangers are obscured by repetition”: per Lord Oaksey, General Cleaning Contractors Ltd v Christmas [1953] A.C. 180 at 189-90.”*

Din il-Qorti tara li l-veduta kif espressa mill-House of Lords fl-Ingilterra fil-kawza indikata, tirrifletti aktar ir-realta` tas-sitwazzjoni fuq il-lant tax-xoghol, u tirrifletti wkoll it-tendenza gurisprudenzjali taghna.

Ghalhekk, din il-Qorti tara li, fic-cirkostanzi, ghandha tikkonferma r-responsabbilta` fi grad ta’ nofs ($^1/_2$) tal-

kumpanija Allchem Ltd, u fi grad ta’ kwart ($^{1}/_{4}$) tal-konvenut Vincent Pace; il-kwart l-iehor ghandu jinqasam bejn il-konvenut Saviour Persico (fi grad ta’ $^{1}/_{8}$), u l-eredita` ta’ Pacifico Micallef, li wkoll ghandu jerfa’ parti mir-responsabbilta` (fi grad ta’ $^{1}/_{8}$ ukoll).

Apparti d-diversi appelli fuq responsabbilta`, is-socjeta` Allchem Ltd. resqet aggravji wkoll dwar il-quantum tal-kumpens offrut mill-ewwel Qorti.  Hi ilmentat mill-fatt li l-ewwel Qorti ghamlet *lump-sum deduction* ta’ 10% flok ta’ 20%, u li ma kkunsidratx il-grad ta’ dipendenza tal-atturi mad-*decujus*.

Fil-kuntest ta’ dawn l-aggravji, din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha fil-kawza **Turner v. Agius**, deciza fit-28 ta’ Novembru 2003, fejn fil-kuntest tal-*lump-sum deduction* osservat li meta l-azzjoni ddum tkarkar, u jkun hemm trapass twil ta’ zmien mid-data tal-incident sal-ghoti tas-sentenza finali (independentement minn min ikun responsabbli ghal dan id-dewmien), “dan ghandu jimmilita kontra l-applikazzjoni ta’ tnaqqis ghal fini ta’ *lump-sum payment*.*”*  F’dan il-kaz l-incident sehh f’Novembru 2001, u s-sentenza finali se tinghata kwazi tmin snin wara, u ghalhekk tara li t-tnaqqis ta’ 10% biss hija gusta.

Dwar il-grad ta’ dipendenza, din il-Qorti, fil-kawza imsemmija **Turner v. Agius**, kienet osservat:

“Il-Qorti trid mill-gdid taghmilha cara li f’kazi bhal dawn ma tezisti l-ebda formula magika, specjalment meta l-akkadut ikollu konsegwenzi fatali.  Tifhem ukoll li hemm differenza f’sitwazzjoni fejn si tratta ta’ mewt ta’ kap ta’ familja li, minnu din tkun qeghda tiddependi direttament, ghal xi sitwazzjoni ohra fejn invece ghaz-zamma u ghixien taghha si tratta ta’ membru iehor ta’ familja li qeghda tghix fi hdanha u li fin-normalita` tal-hajja l-propabbilta` tkun li din tiehu l-istat taghha jew tmur tghix ghal rasha.”

F’dan il-kaz, id-*decujus* kien kap ta’ familja, u ghalkemm uhud minn uliedu illum m’humiex minuri, ma jirrizultawx li dawn ma kienux ghadhom jiddependu fuq missierhom

ghall-ghixien taghhom. Dan mhux kaz ta' mewt ta' guvni jew xebba li hu mistenni li, wara xi zmien, jiehu jew tiehu l-istat taghha, izda ta' missier ta' familja, bl-obbligi kollha li dan igib mieghu. Kwindi, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti fejn din ma ghamlitx tnaqqis minhabba l-grad ta' dipendenza.

L-ammont ta' kumpens qieghed, ghalhekk, jigi konfermat fis-somma ta' Lm50,058, illum €116,604.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell principali ta' Saviour Persico u dak incidentali tas-socjeta` Allchem Limited, billi tichad in toto dak tal-ahhar, u tilqa' biss in parte dak tal-ewwel, fis-sens li tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fejn illikwidat il-kumpens dovut lill-atturi fis-somma ta' €116,604, izda tirriformaha fejn spartixiet ir-responsabbilta` kif fuq inghad u kwindi tikkundanna lis-socjeta` Allchem Ltd thallas lill-atturi s-somma ta' tmienja u hamsin elf tlett mija u tnejn Ewro (€58,302), lill-konvenut Vincent Pace ihallas lill-atturi s-somma ta' disgha u ghoxrin elf mija u wiehed u hamsin Ewro (€29,151) u lill-konvenut Saviour Persico ihallas lill-atturi s-somma ta' erbatax-il elf hames mija u hamsa u sebghin Ewro u hamsin centezmu (€14,575.50) (u dana peress li parti minn tmienja tas-somma trid tigi sopportata mill-istess atturi bhala eredi ta' Pacifico Micallef).

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, jithallsu kwantu ghall-$^{1}/_{8}$ mill-atturi, $^{1}/_{8}$ minn Saviour Persico, ¼ minn Vincent Pace u ½ minn Allchem Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------